MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 1637/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
**GUDIKATUR:**

**DR VERONICA GALEA DEBONO LL.M., LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 6 TA' DICEMBRU 2007**

**Avviz Numru 1637/05VGD**

Michael Attard Holdings Limited gja Michael Attard Limited (C6093).

Vs

Simon Paris (Id. 528975M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija u ghaxar liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm510.86c) rapprezentanti import ta' seba (7) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut. Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa (i) fl-ewwel lok illi l-attrici ghandha tesebixxi l-kambjali li fuqhom qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha billi n-negozju tal-eccipjent ma sarx maghha; (ii) bla pregudizzju l-ammont mitlub mill-attrici mhuxiew dovut; u (iii) f'kull kaz il-kambjali msemmija inhargu fuq xiri ta' karozza minghand Godwin Garage, il-Mosta, u l-eccipjent hallas u qieghed ihallas kif miftiehem. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda tal-konvenut Simon Paris.

Ra x-xhieda ta' Stefan Sacco.

Ra x-xhieda ta' Godwin Guntrip.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut ta' seba (7) kambjali kull wahda ghall-ammont ta'

Lm72.98c, lkoll sakduti, u li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' Lm510.86. Is-socjeta' attrici esebiet ukoll l-original ta' dawn is-seba kambjali.

Illi meta xehed in subizzjoni, l-konvenut ikkonferma illi l-firma fuq dawn il-kambjali hija tieghu, u li jiftakar li kien iffirma dawn il-kambjali.

In kontro ezami, l-konvenut kompla jixhed illi huwa kien hallas il-kambjali in kwistjoni. Huwa xehed illi kien xtara karozza tal-marka Peugeot 405 'second hand' minn go showroom gewwa l-Mosta ta' xi hadd jismu Godwin, u li kien jaghmel il-pagamenti tieghu f'dan ix-showroom lil certu Shaun. Huwa xehed illi meta kien ihallas, dan Shaun kien jghidlu li ma setax jaghtih rcevuta jew il-kambjala lura ghaliex kien irid ihallas lil haddiehor. Madankollu l-konvenut xehed ukoll li f'xi zmien kien jinghata l-kambjali lura u li kellu diversi fil-pussess tieghu.

Ix-xhud Simon Sacco li jahdem bhala Hire-Purchase Manager mas-socjeta' attrici ikkonferma illi l-ammonti li jidru fuq il-kambjali ghadhom dovuti minghand il-konvenut. Huwa pprezenta 'statement' li juri l-hlasijiet li saru mill-konvenut lis-socjeta' attrici, u l-ammonti li ghadhom dovuti minnu. Huwa xehed illi l-firma fuq il-kambjali fuq il-kliem Michael Attard Limited hija tad-Direttur tas-socjeta' attrici, John Attard. Mistoqsi min ghamel il-pagamenti li jidru fuq l-istatment minnu esebit, ix-xhud ma kienx f'pozizzjoni li jghid ghaliex skond hu, s-socjeta' attrici ma zzommx records dwar min effettivament ikun ghamel il-pagament, u lanqas m'ghandha xi interess taghmel dan, gjaladarba l-hlas ikun sar.

L-istess xhud kompla jixhed illi l-bejgh ta' din il-karozza saret minn certu Godwin Guntrip (dealer tal-karozzi 'second hand') lill-konvenut, u li l-istess Guntrip ghadda l-kambjali li gew iffirmati mill-konvenut, lis-socjeta' attrici. L-istess xhud ipprezenta kopji ta' rcevuti li jinhargu meta tithallas il-kambjala liema rcevuti jkollhom referenza ghall-account u ghan-numru tal-kambjala/i. Huwa xehed illi dan Guntrip gieli anki jaghmel pagamenti lis-socjeta' attrici ghan-nom tal-klijent.

Meta xehed Godwin Guntrip, li gie prodott mill-konvenut, huwa ma kellu l-ebda informazzjoni x'jaghti dakinhar, u ma regax gie imharrek biex jixhed darb'ohra.

Illi l-konvenut ma pproduca l-ebda xhieda ohra in sostenn tad-difiza tieghu, u ghalhekk it-Tribunal jista' jistrieh biss fuq il-provi prodotti, fuq imsemmija.

Illi l-konvenut eccepixxa l-pagament ta' l-ammont mitlub, liema allegazzjoni, skond id-duttrina lokali, trid tigi ppruvata mill-konvenut li jallega (vide 'Azzopardi vs Cutajar' deciza PA fit-30 ta' Gunju 1982, u 'Satariano vs Saliba' deciza PA fl-1 ta' Ottubru 1982, fost ohrajn). Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-konvenut ma rnexxilux jipprova u jissodisfa dan l-obbligu impost fuqu, kif ser jigi spjegat izjed l-isfel.

Bhala fatti li fuqhom dan it-Tribunal bilfors irid jistrieh, jezistu s-segwenti:- l-ezistenza ta' seba kambjali iffirmati mill-konvenut; il-fatt illi rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed illi l-ammonti li jidru fuq dawk il-kambjali ghadhom mhux imhallas u ghalhekk ghadhom pendenti; il-fatt illi milli jidher il-konvenut kien ghamel diversi hlasijiet, liema hlasijiet jidru fuq l-istatement esebita mis-socjeta' attrici; il-fatt illi l-konvenut stess xehed illi f'xi perjodu huwa kien ihallas u jinghata lura l-kambjala jew kambjali li fuqhom huwa kien qieghed jaghmel il-hlas, izda ghall-kambjali in kwisjoni, alavolja huwa kien hallas, la nghata lura l-kambjali u lanqas ma nghata xi rcevuta.

Fin-nuqqas ta' rcevuta jew prova ohra li tindika pagament maghmula mill-konvenut, it-Tribunal ma jarax li l-allegazzjonijiet tal-konvenut waslu biex ixxejjnu l-provi mressqa mis-socjeta' attrici, abbinati mal-provi dokumentarji, u cioe l-kambjali, li jikkonfermaw l-ezistenza tal-kreditu mitlub.

Ghal dak li jirrigwarda l-prova maghmula mis-socjeta' attrici dwar il-kreditu taghha, u li qed issostni permezz tal-kambjali minnha esebiti, it-Tribunal ser jghaddi biex

jikkwota dak li jghid il-Profs. Rene' Cremona fin-noti tieghu f'dan il-kuntest:-

*'the moment a person signs the bill of exchange…. the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evinced by its bill with the signatures placed thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill.'*

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut naqas li jipprova b'mod car u inekwivoku li l-pagamenti saru fuq dawn il-kambjali. Illi wara kollox ghandu jinghad ukoll illi l-kambjala bhala instrument ta' kreditu 'par excellance' dejjem baqghet fil-pussess tas-socjeta' attrici, u minn imkien ma jidher li l-konvenut talab li b'xi mod li dawn il-kambjali li suppost thallsu minnu jigu rilaxxati lilu. Ghalhekk il-versjoni tas-socjeta' attrici hija ferm izjed kredibbli.

Illi l-kambjala ghandha natura awtonoma u indipendenti mit-tranzazzjoni li minnha tohrog, u fin-natura taghha stess, hi strument kummercjali mahluq biex jassigura heffa u ghagla fic-cirkostanzi tal-krediti u d-dejn, u ladarba l-kambjali in kwisjtjoni gew iffirmati mill-konvenut, u ma giex ippruvat li kien hemm hlas, it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u ghaxar liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm510.86c), flimkien mal-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------